REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1454

tal-10 ta' Awwissu 2017

li jispeċifika l-formati tekniċi għar-rappurtar mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 24(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-formati tekniċi għar-rappurtar biex tissimplifika u tirrazzjonalizza l-obbligi tar-rappurtar għall-Istati Membri fir-rigward tal-informazzjoni skont l-Artikolu 24(1) tiegħu.

(2) Għal dan il-għan, dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jillimita r-rappurtar tat-testi liberi, jiffaċilita l-ġbir tad-dejta biex minnha jinħarġu l-indikaturi ewlenin u jiffavorixxi r-referenzi għall-informazzjoni li tkun diġà disponibbli għall-pubbliku inġenerali fil-livell nazzjonali, filwaqt li juża l-benefiċċji tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għad-dejta ġeografika u jiżgura l-koerenza ma' politiki relatati bħal dawk mogħtija, pereżempju, fid-Direttivi 2000/60/KE ([3]), 2008/56/KE ([4]) u 2009/147/KE ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([6]).

(3) Skont id-Direttiva 2007/2/KE, l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni s-settijiet tad-dejta ġeografika skont ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-metadejta, dwar is-servizzi tan-netwerks u dwar l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-dejta u tas-servizzi ġeografiċi stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 ([7]), inklużi d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 18 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament (imsejħa "Distribuzzjoni tal-ispeċi (Species Distribution)").

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispeċijiet Aljeni Invażivi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-formati tekniċi li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jibagħtu l-informazzjoni skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 lill-Kummissjoni huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35.
([2]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).
([3]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).
([5]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).
([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).
([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u s-servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-formati tekniċi li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jibagħtu l-informazzjoni skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi lill-Kummissjoni

INFORMAZZJONI MIBGĦUTA B'APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 24(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1143/2014	
Stat Membru	
Perjodu tar-rappurtar	

IT-TAQSIMA A

L-informazzjoni li għandha tintbagħat dwar kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni u dwar kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib reġjonali li huma soġġetti għall-miżuri kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014

Informazzjoni dwar l-ispeċi, dwar id-distribuzzjoni tagħha u dwar ix-xejriet tar-riproduzzjoni u tat-tixrid tagħha			
1.	L-isem xjentifiku tal-ispeċi		
2.	L-isem komuni tal-ispeċi (*informazzjoni mhix obbligatorja*)		
3.	L-ispeċi tinsab fit-territorju tal-Istat Membru?	Iva	☐
		Le	☐
		Bhalissa dan mhux magħruf	☐
4.	Informazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-ispeċi li tinkludi l-informazzjoni dwar ix-xejriet tar-riproduzzjoni u tat-tixrid tagħha (*din l-informazzjoni għandha tingħata biss jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 3 t'hawn fuq*)		
5.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)		

Informazzjoni dwar il-permessi li nħarġu għal din l-ispeċi *Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għall-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni*				
6.	Matul il-perjodu tar-rappurtar inħarġu xi permessi għal din l-ispeċi?		Iva	☐
			Le	☐
7.	*L-informazzjoni t'hawn taħt għandha tingħata biss jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 6 t'hawn fuq*			
	Is-sena kalendarja kkonċernata			
	L-għan tal-permess	L-għadd ta' permessi li nħarġu	L-għadd jew il-volum kollu tal-eżemplari permessi li jikkorrispondu mal-permessi li nħarġu	
	Permessi għar-riċerka			
	Permessi għall-konservazzjoni *ex situ*			
	Permessi għall-produzzjoni xjentifika u għall-użu mediċinali sussegwenti għall-avvanz tas-saħħa tal-bniedem			
	Permessi għal attivitajiet oħrajn maħruġin wara li l-Kummissjoni tkun tat l-approvazzjoni tagħha għalihom (l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)			
8.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)			

Informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet *Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għall-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni u jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 6 t'hawn fuq*					
9.	Is-sena kalendarja kkonċernata				
	L-għan tal-permess	L-għadd ta' stabbilimenti li ġew spezzjonati	L-għadd jew il-volum tal-eżemplari permessi li jikkorrispondu mal-permessi li għandhom l-istabbilimenti li ġew spezzjonati	L-għadd ta' stabbilimenti li ġew spezzjonati li tqiesu li mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permessi	L-għadd jew il-volum tal-eżemplari permessi li jikkorrispondu mal-permessi li għandhom l-istabbilimenti li ġew spezzjonati li tqiesu li mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permessi
	Permessi għar-riċerka				
	Permessi għall-konservazzjoni *ex situ*				
	Permessi għall-produzzjoni xjentifika u għall-użu mediċinali sussegwenti għall-avvanz tas-saħħa tal-bniedem				
	Permessi għal attivitajiet oħrajn maħruġin wara li l-Kummissjoni tkun tat l-approvazzjoni tagħha għalihom (l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)				
10.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)				

Informazzjoni dwar il-miżuri ta' qerda rapida li ttieħdu għal din l-ispeċi (l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)			
11.	Ittieħdu miżuri ta' qerda rapida għall-ispeċi matul il-perjodu tar-rappurtar?	Iva	☐
		Le	☐
12.	*L-informazzjoni t'hawn taħt għandha tingħata biss jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 11 t'hawn fuq*		
	Miżuri	Data tal-bidu	
		It-tul ta' żmien stmat tal-miżuri jew id-data meta dawn waqfu jiġu applikati	
		Il-parti mit-territorju	
		Ir-reġjuni bijoġeografiċi	
		Is-sottounitajiet tal-baċir taxxmara	
		Is-sottoreġjuni marini	

Informazzjoni dwar il-miżuri ta' qerda rapida li ttieħdu għal din l-ispeċi (l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)				
		Il-metodi użati	Metodi mekkaniċi jew fiżiċi	☐
			Metodi kimiċi	☐
			Metodi bijoloġiċi	☐
			Metodi oħrajn	☐
	L-effettività tal-miżuri	L-ispeċi nqerdet		☐
		Il-popolazzjoni tal-ispeċi qed tonqos		☐
		Il-popolazzjoni tal-ispeċi hija stabbli		☐
		Il-popolazzjoni tal-ispeċi għadha qed tiżdied		☐
		Mhux ċar b'liema mod qed tiżviluppa l-popolazzjoni tal-ispeċi		☐
	L-ispeċijiet mhux fil-mira li ntlaqtu mill-miżuri		L-impatt fuq kull speċi	
13.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)			

Informazzjoni dwar il-miżuri ta' ġestjoni li ttieħdu għal din l-ispeċi (l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)				
14.	Ittieħdu miżuri ta' ġestjoni għall-ispeċi matul il-perjodu tar-rappurtar?		Iva	☐
			Le	☐
15.	*L-informazzjoni t'hawn taħt għandha tingħata biss jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 14 t'hawn fuq*			
	Miżuri	Data tal-bidu		
		It-tul ta' żmien stmat tal-miżuri jew id-data meta dawn waqfu jiġu applikati		
		L-għan tal-miżuri	Il-qerda tal-ispeċi	☐
			Il-kontroll tal-popolazzjoni tal-ispeċi	☐
			Il-konteniment tal-popolazzjoni tal-ispeċi	☐
		Il-parti mit-territorju		
		Ir-reġjuni bijoġeografiċi		
		Is-sottounitajiet tal-baċir tax-xmara		
		Is-sottoreġjuni marini		
		Il-metodi użati	Metodi mekkaniċi jew fiżiċi	☐
			Metodi kimiċi	☐
			Metodi bijoloġiċi	☐
			Metodi oħrajn	☐

Informazzjoni dwar il-miżuri ta' ġestjoni li ttieħdu għal din l-ispeċi (l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)				
	L-effettività tal-miżuri	L-ispeċi nqerdet		☐
		Il-popolazzjoni tal-ispeċi qed tonqos		☐
		Il-popolazzjoni tal-ispeċi hija stabbli		☐
		Il-popolazzjoni tal-ispeċi għadha qed tiżdied		☐
		Mhux ċar b'liema mod qed tiżviluppa l-popolazzjoni tal-ispeċi		☐
	L-ispeċijiet mhux fil-mira li ntlaqtu mill-miżuri		L-impatt fuq kull speċi	
16.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)			

Informazzjoni dwar l-impatt ta' din l-ispeċi *(informazzjoni mhix obbligatorja)*		
17.	Kummenti dwar l-impatt tal-ispeċi matul il-perjodu tar-rappurtar	

IT-TAQSIMA B

L-informazzjoni li għandha tintbagħat għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Istat Membru

1.	L-Istat Membru stabbilixxa lista nazzjonali ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għalih? *Jekk iva, wieġeb il-mistoqsijiet 2 sa 5 t'hawn taħt għal kull speċi mniżżla f'dik il-lista.*	Iva	☐
		Le	☐
2.	L-isem xjentifiku tal-ispeċi		
3.	L-isem komuni tal-ispeċi (*informazzjoni mhix obbligatorja*)		
4.	L-ispeċi tinsab fit-territorju tal-Istat Membru?	Iva	☐
		Le	☐
		Bħalissa dan mhux magħruf	☐
5.	Informazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-ispeċi li tinkludi l-informazzjoni dwar ix-xejriet tar-riproduzzjoni u tat-tixrid tagħha (*din l-informazzjoni għandha tingħata biss jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 4 t'hawn fuq u mhix obbligatorja*)		
6.	Il-miżuri applikati fit-territorju tal-Istat Membru b'rabta mal-ispeċi		
	Restrizzjoni fuq l-introduzzjoni b'mod intenzjonat fit-territorju		☐
	Restrizzjoni fuq iż-żamma b'mod intenzjonat, inkluż f'faċilità kkonfinata		☐
	Restrizzjoni fuq it-trobbija b'mod intenzjonat, inkluż f'faċilità kkonfinata		☐

	Restrizzjoni fuq it-trasport b'mod intenzjonat, bl-eċċezzjoni tat-trasport fil-kuntest tal-qerda	☐
	Restrizzjoni fuq it-tqegħid b'mod intenzjonat fis-suq	☐
	Restrizzjoni fuq l-użu jew l-iskambju b'mod intenzjonat	☐
	Restrizzjoni fuq il-fatt li l-ispeċi titħalla tirriproduċi, tikber jew tiġi kkultivata, inkluż f'faċilità kkonfinata	☐
	Restrizzjoni fuq ir-rilaxx b'mod intenzjonat fl-ambjent	☐
	Derogi previsti fis-sistema ta' permessi skont l-Artikolu 8	☐
	Miżuri ttrattati fil-pjanijiet ta' azzjoni skont l-Artikolu 13	☐
	Miżuri koperti mis-sistema ta' sorveljanza skont l-Artikolu 14	☐
	Kontrolli uffiċjali għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni intenzjonata	☐
	Sistema ta' identifikazzjoni bikrija tal-ispeċi	☐
	Qerda rapida tal-ispeċi wara identifikazzjoni bikrija	☐
	Miżuri ta' ġestjoni għall-ispeċi jekk din tkun inxterdet ħafna	☐
	Miżuri ta' restawr	☐
7.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)	

IT-TAQSIMA C

Informazzjoni orizzontali

1.	Link għas-sit web fejn tista' ssib, fuq l-Internet, l-informazzjoni dwar il-permessi li nħarġu kif meħtieġ skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014			
2.	Il-pjanijiet ta' azzjoni msemmijin fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014			
3.	Id-direzzjonijiet prijoritarji indirizzati		L-ispeċijiet koperti	
4.	Deskrizzjoni tas-sistema ta' sorveljanza skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014			
5.	Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014			
6.	Deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu biex il-pubbliku jkun infurmat			
7.	L-ispejjeż tal-miżuri li ttieħdu biex jintlaħqu l-obbligi tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014			
8.	Informazzjoni addizzjonali (*informazzjoni mhix obbligatorja*)			

Struzzjonijiet biex tingħabar l-informazzjoni li għandha tintbagħat

L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar il-mistoqsijiet kollha, ħlief fejn dik l-informazzjoni tkun immarkata bħala "informazzjoni mhix obbligatorja".

IT-TAQSIMA A

Il-mistoqsijiet kollha tat-Taqsima A għandhom jitwieġbu għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi mniżżlin fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 li tkun fis-seħħ fi tmiem l-aħħar sena kalendarja li jkopri r-rapport.

Għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' thassib reġjonali li għaliha jkun daħal fis-seħħ att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 sa dik id-data, għandhom jitwieġbu biss il-mistoqsijiet 1 sa 5 u 11 sa 17.

Il-mistoqsija 1

— Agħti l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

Il-mistoqsija 2

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-isem komuni tal-ispeċi bil-lingwa nazzjonali.

Il-mistoqsija 3

— Għid jekk l-ispeċi titqiesx li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru (ħlief l-iktar reġjuni mbiegħda, fejn dan ikun japplika).

Il-mistoqsija 4

— Jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 3, ibgħat fajl bid-dejta dwar id-distribuzzjoni tal-ispeċi filwaqt li tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. F'dak il-fajl għandhom jintużaw it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi ddefiniti fit-Taqsima 18 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta 'l dik id-Direttiva (imsejħa "Distribuzzjoni tal-ispeċi (Species Distribution)"). L-informazzjoni dwar ix-xejriet tar-riproduzzjoni u tat-tixrid għandha tingħata billi jintużaw il-listi x-xierqa tal-kodiċijiet.

Il-mistoqsija 5

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 1 sa 4.

Il-mistoqsija 6

— Għid jekk inħarġux permessi għall-ispeċi kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) u/jew fl-Artikolu 9(6) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 matul il-perjodu tar-rappurtar.

Il-mistoqsija 7

— Din il-mistoqsija għandha titwieġeb biss jekk weġibt "Iva" għall-mistoqsija 6.

— Għal kull sena kalendarja li jkopri r-rapport, agħti l-għadd ta' permessi msemmijin fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 għal kull kategorija ta' għan, kif ukoll l-għadd jew il-volum kollu korrispondenti tal-eżemplari li jkopru dawn il-permessi, fosthom l-unità tal-kejl (l-għadd ta' eżemplari, il-kilogrammi ta' żerriegħa, eċċ.).

Il-mistoqsija 8

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 6 u 7.

Il-mistoqsija 9

— Għal kull sena kalendarja li jkopri r-rapport, agħti t-tabella mimlija bl-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Il-mistoqsija 10

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġiba li tajt għall-mistoqsija 9. B'mod partikulari, spjega fid-dettall għaliex ma saret l-ebda spezzjoni, kif ukoll kull azzjoni li hija ppjanata.

Il-mistoqsija 12

— L-informazzjoni tista' tingħata billi l-popolazzjonijiet differenti tal-ispeċi li jkunu indirizzati permezz tal-istess miżuri ta' qerda rapida jitpoġġew fi grupp wieħed skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. Jekk il-miżuri differenti jindirizzaw popolazzjonijiet differenti, l-informazzjoni trid tingħata għal kull waħda minn dawk il-popolazzjonijiet.

  — Agħti d-data tal-bidu tal-miżuri.

  — Agħti t-tul ta' żmien stmat tal-miżuri jew id-data meta dawn waqfu jiġu applikati fir-realtà jekk dawn ikunu twaqqfu waqt il-perjodu tar-rappurtar.

  — Għid f'liema parti tat-territorju tal-Istat Membru qed jiġu implimentati l-miżuri (f'liema reġjun jew f'liema unità amministrattiva rilevanti oħra qed isir dan).

  — Indika r-reġjuni bijoġeografiċi f'din il-parti tat-territorju skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

  — Jekk inhu rilevanti, għid liem'huma s-sottounitajiet tal-baċir tax-xmara li fihom qed jiġu applikati l-miżuri skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/60/KE.

  — Jekk inhu rilevanti, għid liem'huma s-sottoreġjuni marini li fihom qed jiġu applikati l-miżuri skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/56/KE.

  — Agħti l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet mhux fil-mira li ntlaqtu ħażin mill-miżuri.

  — Għal kull waħda mill-ispeċijiet mhux fil-mira li ntlaqtu mill-miżuri, għid x'tip ta' impatt negattiv kien hemm fuqha. Dan jista' jkun impatt dirett (pereżempju l-qbid mhux intenzjonat tal-ispeċi mhux fil-mira) jew impatt indirett (pereżempju l-impatt fuq speċi mhux fil-mira li tiekol speċi fil-mira li tkun ġiet ivvalenata). Jekk l-impatti negattivi li jkunu ġew innutati jkunu jaffettwaw grupp tassonomiku, din l-informazzjoni tista' tingħata għall-grupp minflok għal kull speċi.

Il-mistoqsija 13

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 11 u 12. B'mod partikulari, spjega fid-dettall għaliex ma ttieħdet l-ebda miżura, kif ukoll kull azzjoni li hija ppjanata.

Il-mistoqsija 15

— L-informazzjoni tista' tingħata billi l-popolazzjonijiet differenti tal-ispeċi li jkunu indirizzati permezz tal-istess miżuri ta' ġestjoni jitpoġġew fi grupp wieħed skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. Jekk il-miżuri differenti jindirizzaw popolazzjonijiet differenti, l-informazzjoni trid tingħata għal kull waħda minn dawk il-popolazzjonijiet.

  — Agħti d-data tal-bidu tal-miżuri.

  — Agħti t-tul ta' żmien stmat tal-miżuri jew id-data meta dawn waqfu jiġu applikati fir-realtà jekk dawn ikunu twaqqfu waqt il-perjodu tar-rappurtar.

  — Għid x'inhu l-għan tal-miżuri ta' ġestjoni.

  — Għid f'liema parti tat-territorju tal-Istat Membru qed jiġu implimentati l-miżuri (f'liema reġjun jew f'liema unità amministrattiva rilevanti oħra qed isir dan).

  — Indika r-reġjuni bijoġeografiċi f'din il-parti tat-territorju skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

  — Jekk inhu rilevanti, għid liem'huma s-sottounitajiet tal-baċir tax-xmara li fihom qed jiġu applikati l-miżuri skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/60/KE.

  — Jekk inhu rilevanti, għid liem'huma s-sottoreġjuni marini li fihom qed jiġu applikati l-miżuri skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/56/KE.

  — Agħti l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet mhux fil-mira li ntlaqtu ħażin mill-miżuri.

  — Għal kull waħda mill-ispeċijiet mhux fil-mira li ntlaqtu mill-miżuri, għid x'tip ta' impatt negattiv kien hemm fuqha. Dan jista' jkun impatt dirett (pereżempju l-qbid mhux intenzjonat tal-ispeċi mhux fil-mira) jew impatt indirett (pereżempju l-impatt fuq speċi mhux fil-mira li tiekol speċi fil-mira li tkun ġiet ivvalenata). Jekk l-impatti negattivi li jkunu ġew innutati jkunu jaffettwaw grupp tassonomiku, din l-informazzjoni tista' tingħata għall-grupp minflok għal kull speċi.

Il-mistoqsija 16

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 14 u 15. B'mod partikulari, spjega fid-dettall għaliex ma ttieħdet l-ebda miżura, kif ukoll kull azzjoni li hija ppjanata.

Il-mistoqsija 17

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti informazzjoni dwar l-impatt tal-ispeċi fuq il-bijodiversità u fuq is-servizzi tal-ekosistema relatati, li tinkludi informazzjoni dwar l-ispeċijiet indiġeni, dwar is-siti protetti u dwar il-ħabitats fil-periklu. Agħti wkoll informazzjoni dwar l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-ispeċi, kif ukoll dwar l-impatti tagħha fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem.

IT-TAQSIMA B

It-Taqsima B għandha timtela għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' thassib għall-Istat Membru skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Il-mistoqsija 2

— Agħti l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

Il-mistoqsija 3

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-isem komuni tal-ispeċi bil-lingwa nazzjonali.

Il-mistoqsija 4

— Għid jekk l-ispeċi titqiesx li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru (ħlief l-iktar reġjuni mbiegħda, fejn dan ikun japplika).

Il-mistoqsija 5

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Ara l-mistoqsija 4 tat-Taqsima A.

Il-mistoqsija 6

— Jekk ikun rilevanti, għid liema miżuri ġew applikati għall-ispeċi kkonċernata.

Il-mistoqsija 7

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 1 sa 6.

IT-TAQSIMA C

Il-mistoqsija 1

— Agħti l-link għas-sit web fejn tista' ssib, fuq l-Internet, l-informazzjoni skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Il-mistoqsija 2

— Ibgħat dokument li jiddeskrivi l-pjanijiet ta' azzjoni msemmijin fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 (jew agħti l-link għas-sit web fejn wieħed jista' jsib dan id-dokument).

Il-mistoqsija 3

— Għid liema direzzjonijiet prijoritarji ġew indirizzati billi tuża l-kodiċijiet mogħtija hawn taħt, u liema huma l-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni koperti minn kull waħda minn dawk id-direzzjonijiet.

Direzzjoni		Kodiċi
1. Ir-rilaxx fl-ambjent	Il-kontroll bijoloġiku	1.1
	Il-kontroll tal-erożjoni jew l-istabbilizzazzjoni tal-għaram (l-ilqugħ kontra r-riħ, is-sisien tal-ħaxix, eċċ.)	1.2
	Is-sajd fis-salvaġġ (fosthom is-sajd rikreattiv)	1.3
	Il-kaċċa	1.4
	"It-titjib" fil-flora, fil-fawna jew fil-pajsaġġ fis-salvaġġ	1.5
	L-introduzzjoni għall-finijiet tal-konservazzjoni jew għall-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi	1.6
	Ir-rilaxx fin-natura għal użijiet differenti minn dawk imsemmijin hawn fuq, pereżempju għall-fer, għat-trasport jew għal użu mediku)	1.7
	Rilaxx intenzjonat ieħor	1.8
2. Il-ħarba miż-żamma fil-magħluq	L-agrikoltura (fosthom il-materja prima tal-bijofjuwils)	2.1
	L-akkwakultura jew il-marikultura	2.2
	Ġardin botaniku, żu jew akwarji (minbarra l-akwarji domestiċi)	2.3
	L-ispeċijiet li jinżammu bħala annimali domestiċi, li jitrabbew f'akwarju jew li jitrabbew f'terrarju (fosthom l-għalf ħaj għat-tali speċijiet)	2.4
	L-annimali tal-irziezet (fosthom l-annimali li ftit li xejn jiġu kkontrollati)	2.5
	Il-forestrija (fosthom it-tisġir u r-riforestazzjoni)	2.6
	L-irziezet li fihom jitrabbew l-annimali għall-fer	2.7
	L-ortikultura	2.8
	Għanijiet ornamentali oħrajn minbarra l-ortikultura	2.9
	Ir-riċerka u t-trobbija *ex situ* (fil-faċilitajiet)	2.10
	L-għalf ħaj u l-lixka ħajja	2.11
	Tip ta' ħarba oħra miż-żamma fil-magħluq	2.12

Direzzjoni		Kodiċi
3. It-trasport — il-kontaminanti	Il-kontaminanti tal-materjal taż-żoni ta' tkabbir	3.1
	Il-lixka kkontaminata	3.2
	Il-kontaminanti tal-ikel (inkluż tal-għalf ħaj)	3.3
	Il-kontaminanti fl-annimali (ħlief il-parassiti u l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.4
	Il-parassiti fl-annimali (fosthom l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.5
	Il-kontaminanti fuq il-pjanti (ħlief il-parassiti u l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.6
	Il-parassiti fuq il-pjanti (fosthom l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.7
	Il-kontaminanti taż-żerriegħa	3.8
	Il-kummerċ tal-injam	3.9
	It-trasport tal-materjal tal-ħabitat (il-ħamrija, il-veġetazzjoni, eċċ.)	3.10
4. It-trasport — il-passiġġieri klandestini	L-irkaptu tas-sajd jew tas-sajd bil-qasba	4.1
	Il-kontejners jew l-oġġetti bl-ingrossa	4.2
	Il-passiġġieri klandestini fuq ajruplan	4.3
	Il-passiġġieri klandestini fuq dgħajsa jew fuq vapur (minbarra l-ilma tas-saborra u l-ħmieġ mal-buq)	4.4
	Il-makkinarju jew it-tagħmir	4.5
	In-nies u l-bagalji jew it-tagħmir tagħhom (b'mod partikulari fil-kuntest tat-turiżmu)	4.6
	Il-materjal organiku tal-imballaġġ, b'mod partikulari dak tal-injam	4.7
	L-ilma tas-saborra ta' dgħajsa jew ta' vapur	4.8
	Il-ħmieġ mal-buq ta' dgħajsa jew ta' vapur	4.9
	Il-vetturi (il-karozzi, il-ferroviji, eċċ.)	4.10
	Mezzi oħrajn tat-trasport	4.11
5. Il-kurituri	Il-passaġġi fuq l-ilma, il-baċiri u l-ibħra interkonnessi	5.1
	Il-mini u l-pontijiet fuq l-art	5.2
6. It-tixrid mhux megħjun	It-tixrid naturali transfruntier tal-ispeċijiet aljeni invażivi li jkunu ddaħħlu permezz tad-direzzjonijiet 1 sa 5	6.1

Il-mistoqsija 4

— Ibgħat dokument li jiddeskrivi s-sistema ta' sorveljanza msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 (jew agħti l-link għas-sit web fejn wieħed jista' jsib dan id-dokument).

Il-mistoqsija 5

— Ibgħat dokument li jiddeskrivi s-sistema ta' kontrolli uffiċjali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, fosthom deskrizzjoni tal-proċeduri biex ikun żgurat li tiġi skambjata l-informazzjoni rilevanti u li jkun hemm koordinazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet kollha involuti fil-verifiki kif previst fl-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 (jew agħti l-link għas-sit web fejn wieħed jista' jsib dan id-dokument).

Il-mistoqsija 6

— Ibgħat dokument li jiddeskrivi l-miżuri li ttieħdu b'rabta mal-preżenza ta' speċi aljena invażiva u kull azzjoni li ċ-ċittadini ntalbu jieħdu b'rabta ma' dan (jew agħti l-link għas-sit web fejn wieħed jista' jsib dan id-dokument).

Il-mistoqsija 7

— Ibgħat dokument bl-informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-miżuri li ttieħdu biex jintlaħqu l-obbligi tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 meta din l-informazzjoni tkun disponibbli (jew agħti l-link għas-sit web fejn wieħed jista' jsib dan id-dokument). Sa fejn ikun possibbli, agħti d-dettalji tal-ispejjeż ta' kull azzjoni speċifika (pereżempju l-ispejjeż għall-bini tal-kapaċità, għat-tħaddim tas-sistema ta' sorveljanza, għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' qerda rapida u tal-miżuri ta' ġestjoni) u inkludi, meta din tkun disponibbli, l-informazzjoni rilevanti dwar l-irkupru tal-ispejjeż u dwar il-benefiċċji tal-azzjonijiet li ttieħdu (l-ispejjeż tal-ħsara li ġiet evitata, il-ħsara lill-bijodiversità u lis-servizzi tal-ekosistema relatati li ġiet evitata, il-kontribut li ngħata għal miri oħrajn tal-UE u l-ħsara lis-saħħa tal-bniedem, lis-sikurezza u lill-ekonomija li ġiet evitata).

Il-mistoqsija 8

— *Informazzjoni mhix obbligatorja*: Ibgħat dokument bl-informazzjoni l-oħra kollha li l-Istat Membru jixtieq iżid b'rabta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 minbarra l-informazzjoni mitluba f'dan il-format (jew agħti l-link għas-sit web fejn wieħed jista' jsib dan id-dokument).